Minuti tas-seduta numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru, 2024, fil-Bini Amministrattiv, 30, Triq Inguanez, ir-Rabat, fil-5:30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Terence Sant | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

06.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presedenza

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

06.02 **Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru ħamsa (5)** Minuti

Il-Minuti kienu approvati b'vot unanimu wara li kienu mressqa għal vot mis-Sindku u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti.

**Punti mill-Minuti**

06.02.01 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-applikazzjoni tal-Pjazza tas-Saqqajja li kienet sottomessa lill-*Infrastructure Malta* permezz tal-iskema *Vjal Kulħadd*. Hu qal illi sar jaf li intagħżilna wara li kienu mwiegħba diversi kjarifiki dwar id-dellijiet li hu antiċipat li jagħmlu s-siġar kemm sa meta jkollhom ħames snin, meqjusa għalhekk bħala żgħar, u kif ukoll wara l-ħames sena u għalhekk meqjusa bħala maturi. Pjazza Saqqajja

06.02.02 Dwar l-attività kulturali bl-isem Rabat Sacrum intqal illi din mill-att organizzattiv kienet tajba u saret laqgħa oħra ta' evalwazzjoni mill-kumitat organizzattiv dwar dan. Intqal ukoll illi s-suġġett ma kienx jappella għal kulħadd u għaldaqstant dan kien attribwit man-nuqqas ta' konkorrenza komparat mal-ewwel edizzjoni. Is-Sur Rudolph Grima qal li d-data inzertat fi tmiem-il ġimgħa twil u ħafna nies kienu imsefrin u/jew vakanza 'il bogħod. Qal ukoll, illi din l-edizzjoni kienet aktar mifruxa peress li din is-sena inkludejna wkoll il-Knisja ta' San Duminku. Is-Sur Rudolph Grima qal Rabat Sacrum

li bbazajna ħafna fuq it-teknoloġija iżda qed naraw illi l-messaġġ irid jgħaddu wkoll permezz tar-radjijiet fid-*drive time* meta speċjalment in-nies ikunu fil-vetturi tagħhom lejn ix-xogħol jew lejn darhom. Issuġġerixxa wkoll sabiex immorru għad-data oriġinali ta' Settembru filwaqt li kien hemm osservazzjoni illi l-wirja li kien hemm fil-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienetx aċċessibbli għax ma kienx hemm ir-rampa. Is-Sur Rudolph Grima u kunsillieri oħra qablu illi l-ħaddiema tal-Kunsill iridu jkunu kollha xogħol matul din l-attività kulturali bħalma kienu kollha xogħol *overtime* meta saret l-attività ta' Jum ir-Rabat 2024. Is-SE qal illi hu ma jistax jobbliga l-ħaddiema sabiex jidħlu *overtime* għaliex din m'hix kwistjoni ta' *Stop Leave* kif intqal la inzertat is-Sibt u l-Ħadd.

06.02.03 Kien diskuss għal darba oħra l-inċident li kellu is-Sur Anthony Borg bil-vettura tiegħu taħbat ma' kantun fi Triq Ġlormu Dingli. Intqal illi l-Kunsill se jitolbu d-dokumenti meħtieġa biex min-naħa tas-Sur Borg ikollu d-dokumentazzjoni kollha. Anthony Borg

06.02.04 L-attività tal-ġbir taż-żebbuġ kellha titħassar għaliex dak in-nhar għamlet ix-xita.

06.02.05 Is-Sa Graziella Galea tkellmet dwar il-mawra fil-Gżira Għawdxija li kienet inkarigata minnha hi. Din kienet deskritta bħala waħda tajba ferm. Il-Kunsill kellu kliem ta' ringrazzjament dwar din l-attività.

06.03 **Skeda tal-Pagamenti 364 u dik ta' Xiri u Servizzi 82** Skeda tal-Pagamenti u dik tax-xogħlijiet u xiri

Kienu approvati unanimament l-iskedi tal-pagamenti numru 364 u l-iskeda tax-xiri u servizzi numru 82 skont il-proponenti u s-sekondanti li jidhru fuq l-istess skedi.

06.04 **Kuntratt ta' xogħol tas-Sa Caroline Farrugia u tas-Sa Naiomi Bugeja Micallef** Kuntratti tax-xogħol

Kien konfermat illi kemm is-Sa Caroline Farrugia kif ukoll is-Sa Naiomi Bugeja Micallef għadhom fuq kuntratt definit. Il-Kunsill m'għandux problema biex dawn iż-żewġ impjegati jsiru fuq kuntratt indefinit mingħajr *notice period*, skont il-parir li se jinġieb mid-DIER.

06.05 **Appuntar tal-bord tal-intervisti għas-Sejħa ta' Receptionist/Front Office Clerk** Receptionist/Front Office Clerk

Kien hemm qbil unanimu biex il-bord ikun magħmul minn dawn il-membri. Is-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Terence Sant u xi ħadd mill-iskrivani (jagħżlu huma). Applikat persuna waħda biss internament (kunsilli lokali kollha).

06.06 **SPI.SCI/8/24 - Skema tad-Divizjoni Gvern Lokali dwar il-Karnival** Skema tal-karnival

Kien unanimament deċiż li napplikaw għal din l-iskema permezz ta' attività fil-Pjazza tal-Parroċċa nhar it-3 ta' Marzu, 2024 u se ninvolvu l-iskejjel tar-Rabat u wkoll l-iskejjel taż-żfin. Se jsir kuntatt mas-Sur Joseph Abela, Ta' Ħal Tarxien li jidher li għandu l-kuntatti tal-iskejjel taż-żfin. L-ideja se tkun imsemmija fil-Kunsill tat-tfal li mill-ewwel laqgħa tiegħu, skont is-Sa

Charmaine Balzan, l-andament kien tajjeb mill-att ta' konkorrenza u nistgħu ninvolvuhom fl-attività tal-karnival ukoll. Is-Sa Charmaine Balzan se toħloq *Whatsapp Chat* għal dan il-għan.

06.07 **Attivitajiet tal-Milied**
L-attivitajiet prinċipali tal-Milied huma is-Santa's Train tal-Baħrija u dik tar-Rabat nhar it-18 u t-23 ta' Diċembru, 2024 rispettivament.

06.08 **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart tas-sena 2024** Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart
Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena Jannar - Ġunju 2024 kien approvat unanimament.

06.09 **Triq San Pawl u Triq Borg Olivier (GBO) – Update** Triq San Pawl u Triq GBO
Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proposta li kellu biex parti minn Triq San Pawl bejn Triq il-kbira u l-Parkeġġ tingħalaq għat-traffiku speċjalment il-Ħadd filgħodu. Il-Kunsill qabel unanimament bil-kundizzjoni illi jekk ikun hemm bżonn tgħaddi abbulanza, tkun tista' tagħmel dan u ma ssibx xkiel bl-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet. Dwar Triq GBO, is-SE tella' għal darba oħra l-*graph* bix-xewqat tar-residenti u din kienet diskussa fit-tul. Is-Sur Terence Sant qal li hemm bżonn isiru *cameras* mal-LESA u jsiru tabelli ġodda biex ma jgħaddux trakkijiet minn Triq GBO minkejja li dawn għandhom l-*Except for Residents only.* Kien deċiż illi l-ewwel ħaġa li trid issir hu li niffissaw laqgħa mal-LESA biex inkunu nistgħu immexxu bil-*cameras* u l-infurzar.

06.10 **Approvazzjoni ta' Traffic Management fi Triq Emanuele Vitale, Triq Santa Barbara etc** One Ways f'Għar Barka
Ma kienetx trattata. Minflok, issemma' t-traffic management ta' Għar Barka fejn TM għamlu tibdil fid-direzzjoni tal-*one way* ta' Triq il-Vjola u Triq Pietru Gristi. Għaldaqstant se naraw x'inhi l-*feedback* tar-residenti dwar il-proposta tal-*one way* li bagħtnielhom u kienet impustatha fi djarhom.

06.11 **Iffirmar ta' MOU mal-PWD dwar solar street lights** Solar Lights
Dan il-*Memorandum of Understanding* mal-*Public Works Department* ġie ffirmat aktar kmieni din il-ġimgħa u dawn huma kommessi li jinstallaw diversi lanterni tad-dawl addizzjonali jaħdem bix-xemx fi Vjal il-Ħaddiem fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ.

06.12 **Laqgħa Pubblika tal-Lokalità** Laqgħa Pubblika tal-lokalità
Kien deċiż illi l-laqgħa pubblika tal-lokalità ssir nhar il-15 ta' Jannar 2025 fis-6.00pm.

06.13 **Affarijiet Oħra**

06.13.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona li ssir *open day* tal-Bini Muniċipali tal-Kunsill nhar is-7 u t-8 December 2024. Hu qal li diġa' kkonsulta mal-istaff dwar dan. Kien deċiż li din l-*open day* issir biss nhar il-Kunċizzjoni bejn l-10:00 sa nofsinhar u mill-4.00pm sas-6.00pm. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li kien ikkunsidrat id-diversi attivitajiet li hemm Open Day

ippjanati għax-xahar ta' Diċembru. Is-SE kien mitlub jiġbor dawn l-attivitajiet kollha u jgħaddihom lill-kunsillieri inkluż dawk li qed isiru bħal issa mil-Parroċċa b'kommemorazzjoni mal-attivitajiet tat-twaqqiegħ tal-Koppla tal-Bażilika diversi snin ilu.

06.13.02 Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq sewqan b'veloċità elevata fi Triq il-Merħliet u l-bżonn li terġa' ssir is-*sleeping policeman* li kienet inqalgħet u baqgħet ma twaħħletx meta saret it-triq. Kien hemm qbil unanimu biex din titwaħħal mil-ġdid. Sleeping Policeman

06.13.03 Is-Sur Nazju Cassar ippreżenta tliet stimi ta' bini ta' ħajt f'tal-Ponta l-Imtaħleb 35m tul: Bini ta' Ħajt f'Tal-Ponta
Joseph Gatt - €2500; Mario Sant - €2270; u JA Azzopardi - €1770.
Kienet magħżula l-orħos waħda u se ssir il-Works Order.

06.13.04 Is-Sur Nazju Cassar tkellem fuq iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq GBO viċin Triq il-Kulleġġ. Hu qal li din hija fil-kantuniera żżejjed u ma jagħmilx sens li tibqa' hemmhekk in vista li din qiegħda eżatt fil-kantuniera u kienu se jtajru lil xi ħadd. Se ngħaddu l-ilment lill-Transport Malta. Zebra Crossing perikoluża

06.13.05 Is-Sur Terence Sant semma' z-*Zebra Crossing* tan-niżla tas-Saqqajja magħrufa bħala dik ta' quddiem it-*Tattingers*. Hu qal li din hija perikoluża ferm speċjalment bil-lejl għaliex m'għandiex dawl. Zebra Crossing oħra perikoluża

06.13.06 Is-Sur Nazju Cassar semma' wkoll it-*traffic lights* ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku li mhux qed iħallu lin-nies jaqsmu b'kumdità għaliex jaqilbu malajr fuq l-aħmar. Dawn ukoll huma perikolużi ħafna minħabba li viċin hemm Villa Messina, dar tal-Anzjani, liema anzjani jdumu ħafna jaqsmu għaliex hemm ħafna li għandhom diffikultà ta' mobilità serja. Traffic Lights Perikolużi

06.14 **Data u ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li jkun imiss.** Aġġornament
Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm u dik li jmiss se tkun iffissata hekk kif nidħlu fil-Muniċipju rinovat fi Triq l-Isptar.

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum ___________ minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku